# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 28 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 2.**
**Citazz. Nru. 1897/00 JRM**

**LADA MOTORS Limited**

**vs**

**Reno AZZOPARDI u Anna Azzopardi in solidum.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elf, sitt mija tnejn u ghoxrin liri maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm1,622.46), import ta' kambjali

minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "27";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija tnejn u ghoxrin liri maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm1,622.46), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rt illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix- xhieda tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija tnejn u ghoxrin liri maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm1,622.46), import ta' kambjali

minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l- konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Novembru, 2000.**